**IV Iron** jintuża għall-kura ta' defiċjenza tal-ħadid meta preparazzjonijiet orali ma jkunux effettivi jew ma jkunux jistgħu jintużaw.

**IV Iron** jista' jikkawża reazzjonijiet allerġiċi u jrid jingħata minn persuni mħarrġa biex jevalwaw u jimmaniġġjaw dawn ir-reazzjonijiet.

F'xi pazjenti dawn ir-reazzjonijiet allerġiċi jistgħu jsiru severi jew ta' periklu għall-ħajja (magħrufa bħala reazzjonijiet anafilattiċi) u jistgħu jikkawżaw problemi fil-qalb u l-pressjoni tad-demm tiegħek u/jew jikkawżawlek li jħossok ħażin jew tintilef minn sensik.

**Rappurtar tal-effetti sekondarji**

Jekk ikollok kwalunkwe effetti sekondarji, kellem lit-Tabib jew lill-infermier/a tiegħek. Dan jinkludi xi effetti sekondarji possibbli anke jekk m'humiex imniżżla f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament lil: ADR Reporting, The Medicines Authority, Post-Licensing Directorate, 203 Level 3, Rue D'Argens, GŻR-1368 Gżira,
Website: www.medicinesauthority.gov.mt,
e-mail: postlicensing.medicinesauthority@gov.mt.

# Intravenous (IV) Iron

**Informazzjoni Importanti għal Pazjenti Dwar ir-Riskju Possibbli ta' Reazzjonijiet Allerġiċi Serji b'IV iron (medikazzjoni mogħtija ġol-vina permezz ta' labra)**

Din l-informazzjoni ġiet ippreparata u pprovduta lilek mill-manifatturi ta' IV iron fl-Ewropa.

**Jekk jogħġbok aqra dan il-fuljett b'attenzjoni u ddiskuti kwalunkwe mistoqsijiet li jista' jkollok mat-Tabib tiegħek.**

**Jista' jkollok żieda fir-riskju li jkollok reazzjoni allerġika jekk għandek**:

- allerġiji magħrufa li jinkludu allerġija għal mediċina
- storja ta' ażżma severa, ekżema jew allerġiji oħrajn (pereżempju allerġiji għat-trab, polline, materjal mill-annimali) jew
- kundizzjonijiet immuni jew infjammatorji (eż. artrite rewmatojde, lupus erythematosus u oħrajn)

**Għandek tgħid lit-tabib tiegħek qabel ma jagħtik riċetta jew jagħtik IV Iron** jekk għandek kwalunkwe minn dawn l-allerġiji jew kundizzjonijiet.

It-Tabib tiegħek se jiddeċiedi jekk il-benefiċċju għalik huwiex akbar mir-riskju.

## M'għandekx tingħata riċetta jew IV Iron jekk:

- inti allerġiku (għandek sensittività eċċessiva) għall-prodott jew kwalunkwe mill-ingredjenti ta' din il-mediċina
- kellek reazzjonijiet allerġiċi (sensittività eċċessiva) serji għal kuri oħrajn b'IV iron fil-passat*
- għandek ammont eċċessiv ta' ħadid (ħadid żejjed f'ġismek)
- l-anemija tiegħek mhijiex ikkawżata minn defiċjenza ta' ħadid

**Għandek tgħid lit-tabib tiegħek qabel ma jagħtik riċetta/jagħtik IV Iron** jekk għandek kwalunkwe minn dawn l-allerġiji jew kundizzjonjiet.

*** Hu importanti li tkun taf li reazzjoni xorta tista' sseħħ anki jekk inti ma kellek l-ebda problemi fil-passat b'IV iron.**

**Tqala:** IV iron m'għandux jintuża waqt it-tqala ħlief jekk ikun hemm bżonnu b'mod ċar. Jekk int tqila jew taħseb li tista' tkun tqila, hu importanti li tiddiskuti mat-tabib tiegħek.

## Għandek tikkuntattja lit-tabib jew infermier/a tiegħek immedjatament jekk:

- għandek kwalunkwe sinjali jew sintomi ta' reazzjoni allerġika waqt jew ftit wara l-kura b'IV Iron

Pereżempju: urtikarja jew raxx, ħakk, sturdament, mejt, nefħa fix-xufftejn, l-ilsien, il-griżmejn jew il-ġisem, diffikultà biex tieħu n-nifs, qtugħ ta' nifs jew tħarħir.

- It-Tabib tiegħek ser jimmonitorjak għal sinjali u sintomi ta' reazzjoni allerġika għal tal-anqas 30 minuta wara kull darba li IV iron hu mogħti lilek.